31982R1859

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1859/82
tat-12 ta' Lulju 1982
rigward il-għażla ta' oqsma li jippreżentaw il-kontijiet sabiex jiġi determinat id-dħul tal-oqsma agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 79/65/KEE tal-15 ta' Ġunju 1965 li jistabbilixxi qafas għal ġbir ta' informazzjoni dwar il-kontijiet tad-dħul u l-operat tan-negozju u tal-oqsma agrikoli fil-Komunità Ekonomika Ewropea [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2143/81 [2], u partikolarment Artikoli 4(4), 5 (5) u 6 (2) tiegħu,

Billi l-oqsma li jippreżentaw il-kontijiet għandhom ikunu magħżula b'mod uniformi f'kull diviżjoni u billi għal dan il-għan regoli dettaljati għandhom jitħejjew ħalli jkunu implimentati d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 79/65/KEE;

Billi wara l-aħħar emendi għar-Regolament Nru 79/65/KEE u l-esperjenza akkwistata sa mill-1965 ir-regoli dettaljati għall-għażla tal-oqsma li jippreżentaw il-kontijiet għandhom ikunu kompletament riveduti; billi, minħabba f'hekk, ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 91/66/KEE [3], għandu jkun imħassar u mibdul b'Regolament ġdid;

Billi l-oqsma li għandhom ikunu studjati b'konnessjoni man-*network* ta' informazzjoni dwar il-kontijiet tal-irziezet jidholu fl-iskop tal-istħarriġ strutturali u ta' ċensimenti tal-Komunità jew dak nazzjonali fl-oqsma agrikoli;

Billi l-informazzjoni disponibbli bl-iskop li jitħejjew pjani għal għażla għal "1982" u snin ta' kontijiet sussegwenti u li d-differenza fil-qagħda agrikola bejn l-Istati Membri differenti teħtieġ li l-limiti tad-daqs ekonomiku li jvarja skond l-Istat Membru, u anki f'ċerti każi b'diviżjoni, għandhom ikunu adottati għal dik is-sena;

Billi l-esperjenza turi li l-operat tan-*networks* ta' informazzjoni jkun iffaċilitat jekk in-numru ta' oqsma li jippreżentaw il-kontijiet magħżula f'kull diviżjoni jkun jitħalla jvarja f'ċerti limiti bil-kundizzjoni li jkun segwit in-numru totali ta' oqsma għal kull Stat Membru;

Billi l-pjan tal-għażla għandu jinkludi numru minimu ta' elementi ħalli jsaħħaħ il-validità tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mall-objettivi tan-*networks* ta' informazjoni dwar il-kontijiet tal-irziezet li jkunu se jiġu mistħarrġa;

Billi l-pjan tal-għażla għandu jitħejja qabel ma tkun bdiet is-sena korrispondenti tal-kontijiet sabiex tkun tista tkun approvata qabel ma tkun utilizzata għal għażla tal-oqsma li jippreżentaw il-kontijiet;

Billi r-rapport dwar l-implementazzjoni tal-pjan tal-għażla għal oqsma li jippreżentaw il-kontijiet għandu jkopri l-aspetti differenti tal-implementazzjoni tal-pjan bil-għan partikolarment li jkunu identifikati xi aġġustamenti li jistgħu jkunu meħtieġa għal snin tal-kontijiet sussegwenti u billi r-rapport għandu wkoll iqis li l-użu ta' ċerta informazzjoni mill-pjan bl-iskop li tiġi konsidrata fid-data tal-kontijiet;

Billi iżda l-miżuri kif provduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Komunità dwar il-Network ta' Informazzjoni dwar il-Kontijiet tal-Irziezet,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament "oqsma agrikoli" jfissru negozji tal-irziezet kif definiti fil-kuntest tal-istħarriġ u taċ-ċensimenti agrikoli fil-Komunità.

Artikolu 2

Għas-sena tal-kontijiet "1982" - perijodu ta' 12 il-xahar konsekuttiv li jibda minn bejn l-1 ta' Jannar u l-1 ta' Lulju 1982 - u għal snin tal-kontijiet sussegwenti, il-limitu ta' daqs ekonomiku kif hemm riferenza għalih fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 79/65/KEE għandu jkun kif ġej:

— 6 ESU fil-Belġju u fl-Olanda,

— 4 ESU fil-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu, d-Danimarka, u r-Renju Unit (li ma jinkludix l-Irlanda ta' Fuq),

— 2 ESU fl-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq,

— 1 ESU fl-Italja u l-Greċja.

(1) ĠU Ċ 109, tat-23.6.1965, p. 1859/65.
(2) ĠU L 210, tat-30.7.1981, p. 1.
(3) ĠU Ċ 121, ta' l-4.7.1966, p. 2249/66.

Artikolu 3

In- numru ta' oqsma li jippreżentaw il-kontijiet għal kull diviżjoni għandu jkun kif muri f'Anness I.

In-numru ta' oqsma li jippreżentaw il-kontijiet li għandhom ikunu magħżula għal kull diviżjoni jista jkun differenti minn dak muri f'Anness I sa 20 % 'l fuq jew 'l isfel basta li dan ma jirrizultax fi tnaqqis fit-total tan-numru ta' oqsma li jippreżentaw il-kontijiet f'kull Stat Membru.

Artikolu 4

Il-pjan għal għażla tal-oqsma li jippreżentaw il-kontijiet għandu jassigura ir-rappresentanza ġusta tal-oqsma li jippreżentaw il-kontijiet bħala ħaġa waħda.

Għandu jinkludi:

(a) l-elementi li fuqhom ikun bażat, jiġifieri:

— partikolaritajiet tas-sorsi ta' riferenzi statistiċi,

— il-proċeduri għal stratifikar fl-oqsma tal-istħarriġ skond it-tipoloġija tal-oqsma tal-Komunità, li jieħdu akkont, fejn ikun il-każ, ta' kriterji nazzjonali addizjonali,

— il-proċeduri sabiex tkun determinate r-rata tal-għażla magħżula għal kull saff,

— il-proċeduri għal għażla tal-oqsma li jippreżentaw il-kontijiet,

— il-proċeduri għal possibiltà li aktar tard ikun aġġornat il-pjan tal-għażla,

— il-perijodu probabbli għall-validità tal-pjan tal-għażla;

(b) it-tqassim tal-oqsma fil-kamp tal-istħarriġ ikklassifikati skond it-tipologija tal-oqsma tal-Komunità (li mill-inqas jikkorispondu għat-tipi prinċipali) u għan-numru ta' oqsma li jippreżentaw il-kontijiet li għandhom ikunu magħżula għall-kull saff adottat.

Artikolu 5

Il-pjan tal-għażla għandu jkun mgħoddi lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn xaharejn qabel il-bidu ta' l-ewwel sena tal-kontijiet li tirrelata għaliha.

Il-proċeduri u l-limiti taż-żmien ħalli jkunu mgħarrfa l-aġġustamenti għall-pjan tal-għażla lill-Kummissjoni għandu jkun l-istess bħal dak meħtieġ biex jintbagħat il-pjan innifsu.

Artikolu 6

Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-pjan tal-għażla għal oqsma li jipprezentaw il-kontijiet għandu jinkludi:

1. Il-tqassim tal-oqsma li jippreżentaw il-kontijiet magħżula skond il-kategorija tal-qasam;

2. kummenti dwar l-analiżi tad-diskrepanzi misjuba bejn il-pjan tal-għażla u l-oqsma li jippreżentaw il-kontijiet magħżula, dwar il-linji ta' gwida li għandhom ikunu użati, biex titjieb l-għażla għal snin tal-kontijiet sussegwenti, u dwar il-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu f'konsiderazzjoni l-informazzjoni tal-kontijiet.

Ir-rapport tal-implementazzjoni għandu jintbagħat skond il-mudell kif stipulat f'Anness II. Għandu jintbagħat lill-Kummissjoni fi żmien 6 xhur mill-bidu tas-sena tal-kontijiet.

Artikolu 7

Ir-Regolament Nru 91/66/KEE huwa mħassar.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika b'effett mis-sena tal-kontijiet 1982.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Lulju 1982.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Numru ta' oqsma li jippreżentaw il-kontijiet bid-diviżjoni

Numru ta' Riferenza	Isem id-diviżjoni	Numru ta' oqsma li jippreżentaw il-kontijiet (sena tal-kontijiet "1982" 'l quddiem)
	IL-ĠERMANJA	
010	Schleswig-Holstein	500
020	Hamburg	40
030	Niedersachsen	800
040	Bremen	–
050	Nordrhein-Westfalen	660
060	Hessen	370
070	Rheinland-Pfalz	480
080	Baden-Württemberg	620
090	Bayern	960
100	Saarland	70
110	Berlin	–
	Total għal Ġermanja	4 500
	FRANZA	
121	Ile-de-France	95
131	Champagne-Ardenne	260
132	Picardie	230
133	Haute-Normandie	145
134	Centre	350
135	Basse-Normandie	215
136	Bourgogne	285
141	Nord—Pas-de-Calais	305
151	Lorraine	215
152	Alsace	160
153	Franche-Comté	200
162	Pays de la Loire	440
163	Bretagne	475
164	Poitou-Charentes	325
182	Aquitaine	425
183	Midi-Pyrénées	430
184	Limousin	195
192	Rhône-Alpes	360
193	Auvergne	320
201	Languedoc-Roussillon	340
203	Provence—Alpes—Côte d'Azur	270
204	Corse	60
	Total għal Franza	6 100

Numru ta' Riferenza	Isem id-diviżjoni	Numru ta' oqsma ji jippreżentaw il-kontijiet			
		Sena tal-kontijiet			
		1982	1983	1984	1985 il-quddiem
	L-ITALJA				
221	Valle d'Aosta	70			
222	Piemonte	940			
230	Lombardia	950			
241	Trentino	150			
242	Alto Adige	150			
243	Veneto	900			
244	Friuli-Venezia Giulia	250			
250	Liguria	350			
260	Emilia-Romagna	900			
270	Toscana	900			
281	Marche	450			
282	Umbria	400			
291	Lazio	650			
292	Abruzzo	450			
301	Molise	140			
302	Campania	950			
303	Calabria	700			
311	Puglia	800			
312	Basilicata	350			
320	Sicilia	950			
330	Sardegna	600			
	Total: Italja	12 000	14 000	16 000	18 000

Numru ta' RiferenzaIsem id-diviżjoni	Numru ta' oqsma li jippreżentaw il-kontijiet	(sena tal-kontijiet 1982 'l quddiem)
340	Il-BELĠJU	1 000
350	IL-LUSSEMBURGU	300
360	L-OLANDA	1 500
370	Id-DANIMARKA	2 000
380	L-IRLANDA	1 300
	IR-RENJU UNIT	
411	L-Ingliterra - Reġjun tat-Tramuntana	420
412	L-Ingliterra - Reġjun ta' Lvant	650
413	L-Ingliterra - Reġjun tal-Punent	430
421	Wales	300
431	L-Iskozja	380
441	L-Irlanda ta' Fuq	320
	Total: Ir-Renju Unit	2 500

Numru ta' Riferenza	Isem id-diviżjoni	Numru ta' oqsma ji jippreżentaw il-kontijiet			
		Sena tal-kontijiet			
		1982	1983	1984	1985 'l quddiem
	IL-GREĊJA				
450	Makedonia — Thraki	1 510	2 070	2 380	2 480
460	Ipiros — Peloponnissos — Nissi Ioniou	1 120	1 530	1 760	1 840
470	Thessalia	560	770	900	930
480	Sterea Ellas — Nissi Egaeou — Kriti	1 210	1 630	1 860	1 950
	Total: Il-Greċja	4 400	6 000	6 900	7 200

ANNESS II

RAPPORT DWAR L-IMPLEMENTAZJONI TAL-PJAN TAL-GĦAŻLA GĦALL- OQSMA LI JIPPREŻENTAW IL-KONTIJIET

1. **Tabella għal presentazzjoni tal-għażla tal-oqsma li jippresentaw il-kontijiet**

Diviżjoni:

Sena tal-kontijiet: 19..

Kategorija tal-oqsma (1) OTE ESU	Numru ta' oqsma fil-qasam tal-istharriġ (2) (⩾ ..... ESU)	Numru ta' oqsma li jippreżentaw ilkontijiet magħżula	Numru ta' oqsma li huma rrapreżentati minn qasam wieħed li jippreżenta lkontijiet
(a)	(b)	(c)	(b) (c)
Total:			

Numru ta' oqsma ġodda li jippreżentaw il-kontijiet imqabbla mal-għażla tas-sena tal-kontijiet preċedenti

(1) Uri l-kategorija tal-qasam skond it-tipoloġija tal-Komunità. It-tipi prinċipali jikkostitwixxu l-bażi minima għall-istratifikazzjoni tal-qasam tal-istharriġ. Il-kategoriji tal-oqsma jistgħu jkunu miġbura mill-ġdid skond il-pjan tal-għażla.

(2) Indika d-data tal-istharriġ jew iċ-ċensiment użata ħalli jkun definit l-qasam tal-osservazzjoni.

2. **Kummenti:**

Magħmul ..... , fi ..... nhar il-19..

Għal Kumitat Nazzjonali
Il-President